MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 125/2002

**Citazz 125/2002**

Aldo Debono u Loraine Bellotti

vs

Nicholas Bellotti

**Il-Qorti,**

Fic-citazzjoni taghhom l-atturi ippremettew:

Illi fit-18 ta’ Awissu 2002 twieldu minn Loraine Bellotti tewmin li nghataw l-isem ta’ “Shawna” u “Nathan” rispettivament u l-att tat-twelid taghhom rispettiv gie

registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru tlett elef u tmienja u hamsin (3058) u tlett elef u disgha u hamsin (3059);

Illi fiz-zewg atti ta’ twelid fuq imsemmija l-omm iddikjarat illi t-tewmin huma ulied Nicholas Bellotti tant li fl-ewwel kolonna taht l-intestatura ‘Taghrif dwar Missier it-Tarbija” hemm indikat li l-istess tewmin huma ulied Nicholas Bellotti bin Saviour imwieled u joqghod Cospicua, Malta;

Illi effettivament il-konvenut, Nicholas Bellotti, li huwa r-ragel ta’ Lorraine Bellotti m’huwiex missier it-tewmin u fil-fatt missier it-tewmin huwa l-attur, Aldo Debono;

Illi fil-fatt l-konjugi Bellotti kienu ilhom zmien separati minn ma’ xulxin tant illi s-Sekond Awla tal-Qorti Civili b’digriet taghha bin-numru 330/97 kienet awtorizzat lill-istess attrici tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha Nicholas Bellotti, u ghaldaqstant l-istess attrici kienet f’impossibilita’ fizika illi tghammar mal-konvenut fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tewmin;

TALBU, li prevja u okkorrendo, illi jsiru l-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-filjazzjoni ta’ l-imsemmija “Shawna” u “Nathan”, ahwa, ulied l-istess Loraine Bellotti, ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-konvenut Nicholas Bellotti mhux il-missier la ta’ Shawna Bellotti u lanqas ta’ Nathan Bellotti li twieldu minn Loraine Bellotti fit-18 ta’ Awissu 2002 u li l-att ta’ twelid taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numru 3058 u 3059;

2. konsegwentement tordna l-korrezzjoni taz-zewg atti tat-twelid bin-numri progressivi 3058 u 3059 fis-sens illi titnehha kull referenza illi hemm fl-istess att tat-twelid li juri l-konvenut Nicholas Bellotti bhala missier it-tewmin hawn fuq imsemmija u minflok jitnizzel li t-trabi huma wild Aldo Debono kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-istess kaz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-atturi.

Rat li l-konvenut ghalkemm notifikat fis-27 ta' Jannar 2003 baqa' kontumaci.

Rat il-verbal taghha tal-20 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti nnominat bhala espert forensiku lil Christopher Farrugia sabiex isiru l-ezamijiet u l-analizi opportuni dwar DNA.

Rat r-realazzjoni tal-imsemmi espert debitament mahlufa;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

B'din il-kawza l-atturi qeghdin jittantaw jattakkaw l-paternita' tal-minuri, Shawna u Nathan, kif registrata fic-certifikati tat-twelid rispettiv taghhom. Intant m'hemmx dubbju li l-omm naturali taghhom hija l-attrici Loraine Bellotti wahda mill-atturi li pero' u flimkien mal-attur l-iehor Aldo Debono qeghdin isostnu li l-missier putattiv huwa l-ko-attur l-imsemmi Aldo Debono u dan ghad esklusjoni ta' Nicholas Bellotti zewg l-imsemmija Loraine. Mill-inkartamenti esebiti in atti, konsistenti f'rikors u digriet mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, jirrizulta li l-attrici Loraine Bellotti kienet fit-12 ta' Dicembru 1997 talbet fost ohrajn li tigi awtorizzata tipprocedi gudizzjarment ghas-separazjoni personali kontra zewgha, l-konvenut odjern, liema talba giet milqugha b'digriet tal-Onorabbli Sekond Awla fit-8 ta' Marzu ta' l-istess sena.

Illi l-istanza odjerna l-atturi qeghdin jibbazawha fuq Artikolu 77 tal-Kap 16 li jghid li: "il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha". Ifisser, ghalhekk,

li l-prova tal-‘impossibilita’ fizika (tar-ragel) li jghammar’ ghandha issir dejjem u ndipendentement minn kull ezami mehtieg biex tigi stabbilita l-prova genetika.

Fil-fatt ghandu jirrizulta fic-car li l-ligi tixhet presunzjoni qawwija fuq il-legittimita’ tant illi l-Artikolu 69 tal-Kodici espressament u minghajr tlaqliq jghid li “l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu” in sufragg tal-principju *“pater is est quem justae nuptiae demostrat”.* Mhux hekk biss pero’ billi l-Kodici jkompli fl-Artikolu 69 jelenka c-cirkostanzi li jeskludu lir-ragel milli jaghraf il-wild fosthom ‘meta huwa innifsu jkun ghamel id-dikjarazzjoni mehtiega biex isir l-att tat-twelid, u gharaf lilu nnifsu bhala missier it-tifel’ u fl-Artikolu immedjatament wara jelenka c-cirkostanzi fejn u meta jista’ jichad li jaghraf it-tifel fosthom ‘jekk jipprova illi fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u t-tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ martu minhabba li kien boghod minnha , jew minhabba xi accident iehor’.

Illi fir-relazzjoni tieghu l-espert forensiku nominat, wara li kien ippreleva kampjuni ta’ bzieq u celloli mill-halq minn fuq Loraine Bellotti u Aldo Debono, l-atturi, u l-minuri Shawna u Nathan, u ghamel l-analizi necessarja u opportuna, kkonkluda s-segwenti, li:

“Mir-rizultati miksuba, kemm ghal Nathan u kemm ghal Shawna bl-ebda mod ma jista’ jigi eskluz li l-missier Aldo Debono m’huwiex il-missier biologiku taghhom;

Il-probabilita’ (likelihood ratio) li Aldo Debono hu l-missier naturali tal-wild Nathan u Shawna hi ta’ 99.99 fil-mija”;

Illi kif gja fuq accenat dan wahdu ma kienx ikun sufficjenti. Fil-kaz odjern pero’ hemm evidenza sufficjentement probatorja li turi li l-prova tal-impossibilita’ giet sodisfatta. Fil-fatt jirrizulta mhux biss li l-minuri twieldu f’Awissu tas-sena 2000 izda wkoll li ma kienx il-konvenut li ghamel id-dikjarazzjoni mehtiega fuq l-att tat-twelid tar-rispettivi minuri kif jinghad fl-Artikolu 69(b). Apparti dan kollu hemm ix-xhieda bil-gurament tal-omm, l-imsemmija Loraine

Bellotti, dwar li ilha mifruda u 'l boghod mir-ragel taghha mis-sena 1997.

Minhabba 'l fuq espost ghalhekk t-talbiet tal-atturi jisthoqilhom li jigu milqugha.

Ghaldaqstant qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi:

i. tiddikjara li l-konvenut Nicholas Bellotti mhux il-missier la ta' Shawna Bellotti u lanqas ta' Nathan Bellotti li twieldu minn Loraine Bellotti fit-18 ta' Awissu 2002 u li l-att tat-twelid taghhom hu registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numri 3058 u 3059 rispettivament;

ii. tordna u tawtorizza il-korrezzjoni taz-zewg atti tat-twelid fuq imsemmija billi titnehha kull referenza illi hemm fl-istess atti tat-twelid li juru lill-Nicholas Bellotti bhala missier it-tewmin u jitnizzel minflokk li t-trabi huma wild Aldo Debono.

L-ispejjez, fic-cirkustanzi, jibqghu a karigu ta' l-atturi.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------